MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 36/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**PAUL RENATO BIGENI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Renato Bigeni bin Victor u Petronella nee` Portelli mwieled 4 ta' Jannar 1965 u residenti 'Pepprina', Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 2565 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli b'rizoluzzjoni wahda u b'diversi atti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi nhar it-22 ta' Dicembru 2003 u fil-jiem ta' qabel f'diversi hinijiet ghal-habta tas-1.30 p.m. f'garaxx li jinsab fil-fond 30, Triq it-28 t' April 1688, Xaghra, Ghawdex, zamm hanut ta' mastrudaxxa minghajr

licenzja mehtiega mahruga mill-Awtorita` Regolatorja, u aktar talli volontarjament kiser il-kwiet tal-pubbliku bil-hsejjes tal-magni (Chap 9 Sec 338 dd).

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tad-19 ta' Frar 2004 u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti u cioe` l-artikolu 13 tal-Kap 441 u l-artikolu 338 dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi.

Tiddikjara li qed issib lill-imputat Paul Renato Bigeni hati taz-zewg akkuzi u kumplessivament tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------